# Dun Santo Agius (1861-1931)
## Saċerdot b'oriġini Koppin

*Kitba ta' Maria Consiglia Abdilla*

### Nota Editorjali

Xi kultant jiġrili li nisma' b'xi isem u nispiċċa nhewden li dan diġà qrajt jew smajt dwaru, u allura erħili nqalleb fost bosta kotba u dokumenti oħra biex nissostanzja fiċ-ċert dak li nkun qed nissuspetta. Hekk ġrali meta fil-pubblikazzjoni ta' tliet snin ilu, l-Arkivista Nazzjonali Charles Farrugia, irrefera indirettament għal Dun Santo Agius fl-artiklu tiegħu dwar l-Iskola f'Ħal Kirkop. Ftakart li dwar dan Dun Santo Agius kont diġà qrajt għadd ta' snin qabel u wara li ċċekkjajt dwar l-oriġini Koppija ta' das-saċerdot mill-Qrendi, żammejt fi ħsiebi li ninkludih f'xi ħarġa milli jmiss. Aktar idonea minn qaribtu Maria Consiglia Abdilla, żgur li ma stajtx insib, anke għall-fatt li fl-età ta' 92 sena, għadha tiftakru xi ftit u tinteressa ruħha ħafna fl-istorja ta' Malta. Ma nafx hux b'kumbinazzjoni jew b'sinjal minn Dun Sant, irrid insemmi żewġ affarijiet. Fi żmien il-Festa tas-sena l-oħra, it-triq ta' biswit l-istamperija Bestprint fil-Qrendi ssemmiet proprju għal Dun Sant u aktar kmieni din is-sena das-saċerdot ġie onorat mill-Kunsill Lokali tal-Qrendi b'għieħ il-lokalità, minkejja li ilu aktar minn 80 sena mejjet!

Dun Santo Agius, l-ikbar fost sitt aħwa, twieled fit-12 ta' Lulju 1861, iben Leonardo Agius u Marianna née Zammit. Il-familja ta' Dun Sant (għax hekk kien magħruf) kont tgħoddha bħala familja fqira, fejn il-missier kien jaħdem ir-raba' u ma jistax jonqos li t-tfal kellhom jgħinu wkoll. Il-familja ta' Dun Sant kienet bieżla, ħabrieka u magħquda. Id-dar fejn kienu joqogħdu, fi Triq il-Parroċċa, quddiem ir-residenza tal-kappillan, kienet tagħhom, għalkemm kien hemm ftit dejn fuqha, kif naraw aktar 'il quddiem.

Dan iż-żmien li qed nikteb fuqu kien żmien ta' faqar kbir. Il-faqar iġib miegħu nuqqas ta' bżonnijiet l-aktar meħtieġa, u ma jħallikx tippjana għall-bogħod. U minn hawn nistgħu nifhmu u naslu f'konklużjonijiet għaliex ħafna ġenituri ma kenux jibagħtu lil uliedhom l-iskola:- kienu jżommuhom id-dar biex jgħinuhom fix-xogħol u jġibu xi sold għall-familja. Dun Sant mill-ewwel wera l-ħajra għall-iskola u l-ġenituri tiegħu laqgħu bil-ferħa d-deċiżjoni tiegħu. Mexa 'l quddiem u meta spiċċa l-iskola tar-raħal xtaq ikompli jistudja għal qassis. Dan kien ifisser sagrifiċċju finanzjarju kbir, imma kull membru tal-familja għen.

Sadanittant, ħut Dun Sant tfarfru u bdew jaħdmu xi ġurnata man-nies fir-raba'. Fl-għelieqi tagħhom żiedu jkabbru l-prodotti għas-safar, bħal patata, qoton u kemmun. Kien b'dawn il-flus li l-familja ta' Dun Sant xtrat id-dar fejn kienu joqogħdu. Dun Sant kompla l-istudju tiegħu u wasal biex jiġi ordnat saċerdot. Dak iż-żmien biex wieħed isir qassis ried ikollu l-patrimonju:- jiġifieri proprjetà li tirrendi xi dħul fis-sena. Il-knisja kienet tesiġi dan biex tiżgura li l-qassis ikollu biex jgħix. Bħala patrimonju l-ġenituri ta' Dun Sant, bil-kuntentizza tal-aħwa tawh id-dar fejn kienu joqogħdu, iżda billi kien hemm xi dejn, ma setax isir qassis. Hawn indaħlu ħutu, u bejniethom ġabru s-somma meħtieġa biex jitħallas dan id-dejn, u Dun Sant ġie ordnat qassis nhar is-17 ta' Marzu 1888 u l-Qrendi feraħ li wieħed minn uliedu ħaddan il-ħajja saċerdotali.



**Dun Santo Agius, is-Saċerdot mill-Qrendi b'oriġini Koppin li dwaru jittratta dan l-artiklu.**

Dun Sant qeda b'żelu u ħeġġa kbira d-dmirijiet saċerdotali tiegħu. Il-kelma tiegħu, ħafifa u mexxejja, kienet tiġbed ħafna nies għall-prietki tiegħu. Il-puntwalità u l-ġabra fil-quddiesa kienu jġegħluk tinġabar aktar fik nnifsek. Ma kienx rari li tara lil Dun Sant sejjer lejn il-Knisja f'ħinijiet strambi, għax kien ikun miftiehem ma' xi ħadd biex iqarru. U kemm-il darba kont tarah sejjer imleflef ġol-kappa

bil-kappell f'rasu, iġorr is-Sagrament u l-Griżma tal-Morda biex jassisti lil xi moribond.

Barra minn dawn id-dmirijiet, Dun Sant kien iwettaq ħidma soċjali importanti ħafna mill-uffiċċju tad-dar tiegħu. Bħalma għidt aktar 'il fuq, fir-raħal tista' tgħid li ħadd ma kien jaf jaqra jew jikteb... allura kull meta xi ħadd kien jirċievi xi karta arah sejjer għand Dun Sant biex jaqrahielu... u Dun Sant qatt ma rrifjuta li jgħin. Għax trabba fil-faqar Dun Sant kien iħoss ħafna għall-fqir u kien iħobb li l-ġustizzja tkun imħaddma ma' kulħadd.


Santo Agius del fu Lorenzo.
1878 13 Ottobre Il sudetto si è ascritto e professo.
Id. Id. Id. Il sudetto pagò il diritto d'ingresso e la torcia — 8 4
1883 29 Aprile Il sudetto pagò l'annualità del 1883 — 0 10.
— 9 2
[illegible]
Il suddetto Confratello passò a miglior vita.

Silta mir-Reġistru Indice dei Confratelli e Consorelle della Confraternità di San Giuseppe, li tikkonferma l-affiljazzjoni ta' Dun Sant Agius fil-Fratellanza ta' San Ġużepp.

Kien riċerkatur kbir u l-ħin liberu tiegħu kien iqattgħu fl-uffiċċju jqalleb fil-kotba. Kellu għal qalbu l-**Ġuljana** u kien iżommha aġġornata sewwa. Kont trid tarah iterraq bil-mixi għall-irħula fil-qrib taż-Żurrieq u l-Imqabba, biex jiġbor informazzjoni dwar il-magħmudijiet, żwiġijiet u mwiet, biex jitniżżlu fil-**Ġuljana**, u jsiru r-riċerki li mhux l-ewwel darba li ssarrfu f'xi legat lil xi żagħżugħ jew żagħżugħa li jkunu għażlu jew żwieġ jew ħajja reliġjuża. L-elementi tan-natura, xita, bard, riħ, xemx, sħana, qatt ma qatgħulu qalbu għal dan ix-xogħol u mhux l-ewwel darba li kont tarah ġej riekeb fuq xi karrettun ta' xi bidwi li jkun ġej lejn id-dar u joffrilu biex jaqtgħu passejn. B'dan it-tiftix fuq il-ġuljana, Dun Sant sab każi fejn ġid kien qed jitgawda minn persuni li ma kellhom ebda dritt għalih, filwaqt li dawk il-persuni li kellhom dritt igawduh, kienu tallaba mejta bil-ġuħ. Hekk ġara lil waħda tallaba li meta Dun Sant qalilha bil-ġid li għandha ma riditx temmen. Dun Sant offrielha li hu jagħmel ir-riċerka u hi tħallsu jekk u meta il-ġid jaqa' f'idejha. It-tiftix sar, u bħalma kien qalilha Dun Sant din it-tallaba kienet sinjura:- tassew kellha dak il-ġid. Bi ħlas tagħtu għalqa li aktar tard kellha tinbiegħ biex jitħallas id-dejn li Dun Sant kien għamel biex bena l-iskola.

**Is-Santa tal-Mewt ta' Dun Sant Agius, li seħħet fit-18 t'Awwissu 1931.**


KRABA U HBIEB
FTACRU FIR-RUH GHAŻIŻA
TA
DUN SANT AGIUS
MILL KRENDI
SACERDOT WISK EŻEMPLARI
MIET TA 71 SENA
FIT-18 T'AWWISSU 1931
IL HANIN ALLA BGHAT GHALIEH
FOST IL BICHI TA
CULL MIN CHIEN JGHAFU
HALLA DAN IL WIED TAD-DMUH
BIEX IMUR JIEHU IL PREMJU
LI TANT HADEM GHLIEH
MAL POPLU TAL KRENDI
BIEX MAR IGAWDI L'ALLA
GHAL CHEMM HI TWILA L'ETERNITÀ
REQUIEM ÆTERNAM DONA EI DOMINE
ET LUX PERPETUA LUCEAT EI
REQUIESCAT IN PACE
AMEN.

L-imħabba lejn raħal twelidu kienet kbira. Issa l-gvern kien beda jibni l-iskejjel fl-irħula qrib, imma ħniena għall-Qrendi ma kienx hemm. Allura fejn ma wasalx il-gvern, wasal Dun Sant u bi flusu u fuq art tiegħu, Dun Sant beda l-bini ta' skola ġdida:- dik ta' Triq iż-Żurrieq, skola li għal dak iż-żmien kienet lussu. Kienet skola bi tmien klassijiet kbar u arjużi, żewġ intrati, b'żewġ kontra ntrati, żewġ btieħi kbar, toilets u ilma, dawn tal-aħħar żewġ bżonnijiet li kont issib fi ftit djar tas-sinjuri f'dak iż-żmien.

Din l-iskola baqgħet isservi l-iskop li għalih inbniet sa ma nbniet l-iskola l-ġdida li nafu llum fl-1959. Minn jaf kemm tfal Qrendin ħadu l-bidu tal-edukazzjoni tagħhom f'din l-iskola! Kemm għandna nkunu grati lejn Dun Sant aħna li għandna ħamsin sena jew fuqhom. Iżda ġara li Dun Sant għamel kalkoli ħżiena, għaliex il-bini tal-iskola ġie jiswa ħafna iżjed milli ħaseb Dun Sant, u biex ikompli l-bini ta' din l-iskola kellu jissellef somma flus. Is-self iġib miegħu l-imgħax u Dun Sant miet bħalma trabba... fqir.

Wara marda qasira Dun Sant miet fl-età ta' sebgħin sena. Kien it-18 ta' Awissu 1931. Mal-ewwel tokki tal-mewt, ir-raħal waqa' luttu kbir. Il-ħwienet kollha tal-merċa, tax-xorb, tal-laħam u l-Każini, għalqu bieba waħda u waħħlu faxxa jew ċoff iswed mal-bieb. Lil Dun Sant keffnuh bil-paramenti sagri u poġġewh ġo speċi ta' tebut mikxuf. L-għada, il-ġurnata tal-funeral, ħafna nies inġabru ħdejn id-dar biex jakkompanjawh u jagħtuh l-aħħar tislima. Il-Fratellanzi kollha tal-Qrendi ħadu sehem. Ħadu sehem ukoll xi reliġjużi u saċerdoti minn irħula fil-qrib. Il-Kleru tal-parroċċa mexxa l-funzjoni. Dun Sant kien maħbub u stmat

ħafna minn nies u dan xehdu n-numru kbir ta' parroċċani li akkompanjawh.

Sfortunatament, erba' snin u nofs qabel ukoll kien sar funeral ta' saċerdot fil-Qrendi. Din id-darba kien saċerdot żagħżugħ... Dun Mattew Magro, li twieled fis-16 ta' Ottubru 1896, iben Agostino Magro u Giovanna née Agius - oħt Dun Sant. Dan miet l-isptar wara żewġ operazzjonijiet fl-età ta' tletin sena. Dun Mattew Magro miet fid-29 ta' Jannar 1927.

## L-Oriġini Koppin ta' Dun Sant Agius u r-rabta tiegħu mal-Fratellanza ta' San Ġużepp

Wara dan it-tagħrif bijografiku dwar il-ħajja tat-twajjeb Saċerdot Dun Sant Agius, issa ngħaddu biex naraw ftit ir-rabta li hu kellu mar-raħal ġar tal-Qrendi, Ħal Kirkop u aktar minn hekk mal-Fratellanza u l-Festa ta' San Ġużepp. In-nanniet paterni ta' Dun Sant, Santo Agius (li għalih issemma Dun Sant) u martu Catarina Schembri, iżżewġu fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop fit-30 t'Awwissu tal-1814.[1]

Missieru Leonardu twieled fid-9 ta' Jannar 1825.[2]

Dun Sant innifsu pprofessa fil-Fratellanza ta' San Ġużepp Barbara D.D. proprju fit-13 t'Ottubru 1878, iġifieri dakinhar li saret il-Festa tal-Ewwel Professjoni tal-ewlenin fratelli Ġużeppini madwar il-Kappillan Dun Ġużepp D.D.[3] Sena u nofs qabel ma ġie ordnat saċerdot, Dun Sant, li allura kien għadu Seminarista, inħatar minn sħabu l-Fratelli ta' San Ġużepp bħala Rettur tal-Fratellanza. Dan seħħ fil-Konsulta Ġenerali tat-12 ta' Settembru tal-1886.[4] Dun Sant jidher ukoll li żamm kuntatt tajjeb mad-diriġenti tal-Fratellanza ta' San Ġużepp, partikolarment mal-ex-Prokuratur Salvu Spiteri (is-Surmast). Meta dan Spiteri xtaq isiefer fl-1929, kien Dun Sant li ffirmalu l-applikazzjoni tal-passaport. F'din l-applikazzjoni, Dun Sant ta l-indirizz tiegħu bħala 64, Strada Reale, Qrendi.[5] Din ir-residenza hija palazz sabiħ li kien jintiret minn dak il-qassis li jkun l-eqreb fir-razza, bil-patt u l-kundizzjoni li kien irid imur jgħix hemm. Hemm nafu joqgħod jien lil Dun Sant, flimkien maż-żewġ ħutu xebbiet Pawlina u Feliċità u n-neputija Margerita Magro. Wara l-mewt ta' Dun Sant, ħutu telqu din id-dar biex jidħol fiha l-qassis li kien imissu, iżda dan qatt ma ġie b'riżultat li din waqgħet f'idejn il-barranin.

**Referenzi**

[1] Reġistru taż-Żwiġijiet – Arkivju Parrokkjali Ħal Kirkop
[2] Reġistru tal-Magħmudijiet – Arkivju Parrokkjali Ħal Kirkop
[3] Indice dei Fratelli e Consorelle – Fratellanza ta' San Ġużepp
[4] Atti delle Consulte Generali – Fratellanza ta' San Ġużepp
[5] Arkivju Santu Spirtu – Rabat, Malta